MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1797/2001/1

**Avviz numru: 1797/01AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' Salvatore Gatt Ltd u l-istess Salvatore Gatt Ltd**

**vs**

**Vijay Balani**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mitejn u disghajn lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm290.53), hlas ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh bejn vettura GAJ 124 misjuqa mill-Roman Rohle, u ghal liema incident kien responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Ikkunsidra.

1. L-incident meritu ta’ din il-kawza sehh fit-30 ta’ Novembru 1999 fl-inkrocju bejn Triq ir-Repubblika, Valletta u Triq l-Ordinanza, Valletta. L-incident sehh ghal habta tas-7.30 p.m.

2. Mill-provi rrizulta li l-konvenuut kien qieghed isuq vettura tat-tip Mazda 1300 bin-numru ta’ registrazzjoni GAJ 124 u kien ghaddejn minn Triq l-Ordinanza. Min-naha l-ohra s-sewwieq l-iehor, Roman Rohle, kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Maruti bin-numru LAK 898. Jirrizulta li kif Roman Rohle hareg minn Triq Nofsinhar, kiser fuq il-lemin tieghu ghal gewwa Triq ir-Repubblika. Manuvra li ma setghetx issir, izda mill-provi rrizulta li ma kienx hemm sinjal tat-traffiku li jindika lis-sewwieqa li ma setghux jaghmlu dik it-tip ta’ manuvra. Fl-okkorrenza li hejja l-pulizija li nvestiga l-kaz insibu: *“The driver stated that he was lost in the Valletta Streets and when proceeding in South Street he saw City Gate and turned to the Right and…….”* [fol. 27] [verzjoni moghtija minn Roman Rohle].

3. Jibda biex jinghad li ghalkemm irrizulta li Roman Rohle kien qieghed isuq f’direzzjoni hazina, ma jfissirx b’daqshekk li dan il-fatt fih innifsu ipoggi r-responsabbilta ghall-incident fuqu. Dan iktar u iktar meta l-pulizija li nvestiga l-kaz ikkonferma li fit-triq ma kien hemm l-ebda sinjal li jindika li ma setatx issir il-manuvra li ghamel dan is-sewwieq. Certament li Roman Rohle ma setax ikun jaf li kien qieghed isuq kontra s-sens uniku gialadarba ma kien hemm l-ebda sinjal tat-traffiku. Ghal kull buon fini qieghed ukoll isir riferenza ghas-sentenza **Maria Vella**

**Galea vs Oreste Sammut** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 fejn il-Qorti osservat li ksur tar-regolament tat-traffiku, meta ma jkunx il-fattur li jwassal ghall-incident, ma ghandux jitqies ghal finijiet ta' decizjoni dwar responsabbilta ghall-incident. Il-Qorti ssottolinejat: *"Hu ovvju illi dak li huwa essenzjali ghall-fini tad-determinazzjoni tar-responsabbilta ghas-sinistru, hi d-dinamika ta' l-aventi li graw immedjatament qabel l-impatt u li kienu determinanti jew li kkontribwew ghall-incident. Riflessjonijiet kontravenzjonali li bl-ebda mod ma jincidu fuq ir-regolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva ghal sewqan prudenti u li ma jkunx rilevanti ghall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok ghas-sinistru, huma naturalment passibbli u punibbli f'sede ohra, imma ma ghandhomx u ma ghandux ikollhom rilevanza biex jigi stabbilit min kellu htija ghall-incident. Aktar u aktar meta dik l-infrazzjoni ma tkunx sehhet fil-mument ta' l-incident imma qabel"*.

4. Triq ir-Repubblika, Valletta hija t-triq principali tal-belt kapitali u fiz-zmien li sehh l-incident kienet ghadha miftuha ghat-traffiku. Quddiem it-Tribunal xehed biss il-konvenut. Il-verzjoni ta' Roman Rohle nsibuha a fol. 27 u 48 u fl-okkorrenza li saret mill-pulizija li nvestiga l-kaz. Mill-verzjoni li nsibu fil-*claim form* hemm indikazzjoni li Roman Rohle baqa' ghaddej minghajr ma waqaf fl-inkrocju: - *"We were driving slowly on Republic Street approaching Ordinance street as the other car came with rather high speed from the right side on Ordinance Street. I immediately braked and tried to turn the car to the left in order to avoid impact…."* [fol. 48].

5. Min-naha l-ohra l-konvenutipprova jaghti x'jifhem li huwa kien qieghed isuq bil-mod u li kien hemm ukoll karrozza fuq ix-xellug tieghu li kienet qeghda tostakola l-vizwali tieghu. Xehed ukoll li fl-inkrocju waqaf ghaliex kien hemm in-nies qeghdin jaqsmu u hares kemm fuq ix-xellug u fuq il-lemin. It-Tribunal jemmen li kieku il-konvenut verament waqaf fl-inkrocju, kien jara l-vettura misjuqa minn Roman Rohle. Min-naha l-ohra huwa minnu li l-konvenut ma setax kien qieghed jistenna li minn dik il-parti

ta’ Triq ir-Repubblika tohrog il-vettura misjuqa minn Roman Rohle. B’danakollu s-sewqan ta’ sewwieq prudenti ghandu jkun f’kull hin tali li jkollu kontroll assolut fuq il-vettura tieghu b’mod li kif tinqala’ emergenza jkun f’posizzjoni li jirrejagixxi b’mod effettiv. L-ebda sewwieq li jkun behsiebu jaqsam inkrocju ma jista’ ikun jaf minn qabel minn fejn tista’ titfaccalu vettura. It-Tribunal jemmen li l-konvenut ma kienx prudenti fis-sewqan tieghu. Kullhadd jaf li l-lokalita fejn sehh l-incident hija wahda partikolari, u sewwieq prudenti ghandu jipprocedi bil-mod f’kull inkrocju ta’ Triq ir-Repubblika mehud ukoll in konsiderazzjoni li din it-triq hija tant wzata minn *pedestrians* (min diehel u min hiereg). Ghalhekk f’dan l-inkrocju sewwieq prudenti jrid ihares kemm fuq il-lemin u kif ukoll fuq ix-xellug. Il-fatt li [kif qal il-konvenut] seta’ kien hemm vettura pparkjata fl-inkrocju ma tiskolpax lill-konvenut mir-responsabbilta, u dan peress li kellu obbligu li joqghod iktar attent qabel ma jipprova jissupera l-ostakolu viziv li jghid li kellu minn karrozza pparkjata fil-kantuniera.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, it-Tribunal jemmen li mehuda in konsiderazzjoni l-fatti kollha l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal zewg terzi mill-ammont mitlub mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mija u tlieta u disghajn lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm193.68), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

Il-konvenut ghandu wkoll jaghmel tajjeb ghal zewg terzi ta’ l-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali), bl-eccezzjoni ta’ l-ispejjez relatati mas-sentenza parzjali li nghatat fit-22 ta’ April 2002 li t-Tribunal diga’ pprovda dwarhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**